Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' April 2022
(OR. en)

8333/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0111(COD)**

PECHE 131
CODEC 519

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' April 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 171 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) .../2022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 171 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 171 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2022
COM(2022) 171 final

2022/0111 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) .../2022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE[1], l-Unjoni ilha Parti Kontraenti fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (“il-Konvenzjoni ICCAT”) mill-14 ta’ Novembru 1997.

L-għan ewlieni tal-proposta huwa li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni l-emendi għall-miżuri ta’ konservazzjoni u infurzar adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (“l-ICCAT”) fil-laqgħat annwali tagħha tal-2006, tal-2016, tal-2017, tal-2018, tal-2019 u tal-2021.

Il-Konvenzjoni ICCAT tipprevedi qafas ta’ kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u ta’ speċijiet li jixbhu lit-tonn fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta’ madwaru permezz tal-istabbiliment tal-ICCAT.

L-ICCAT għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet (rakkomandazzjonijiet) dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd li jaqa’ taħt il-mandat tagħha, u dawn huma vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet huma essenzjalment indirizzati lill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ICCAT, iżda jinkludu wkoll obbligi għall-operaturi (eż. għall-kaptani tal-bastimenti). Japplikaw esklużivament għaż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, li tkopri l-ibħra internazzjonali u ż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Partijiet Kontraenti.

L-Artikolu VIII(2) tal-Konvenzjoni ICCAT jiddikjara li r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT isiru effettivi għall-Partijiet Kontraenti kollha sitt xhur wara d-data tan-notifika mill-Kummissjoni ICCAT u l-Partijiet Kontraenti huma meħtieġa jimplimentawhom.

L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-UE għandha tikkontribwixxi għall-osservazzjoni stretta tad-dritt internazzjonali. Dan jinkludi l-konformità mal-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll tal-ICCAT.

Ir-Regolament (UE) 2017/2107[2] implimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll tal-ICCAT wara r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Din il-proposta tkopri numru ta’ emendi li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li ġew adottati fl-2006, fl-2016, fl-2017, fl-2018 u fl-2019 u li jridu jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

#### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika

Il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2017/2107, u temendah bir-rakkomandazzjonijiet l-aktar reċenti tal-ICCAT li jikkonċernaw il-miżuri li għadhom ma ġewx implimentati fid-dritt tal-Unjoni: miżuri għat-tonn tropikali, l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-pixxivela, il-marlin blu u abjad, għar-rapportar ta’ *data* dwar il-kastardella, il-pixxitondu, kif ukoll għas-saħħa u s-sikurezza tal-osservaturi fil-programmi ta’ osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT, għar-responsabbiltajiet għall-osservaturi xjentifiċi, u għall-aġġornament tal-lista ta’ speċijiet tal-ICCAT. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi wkoll emenda għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta’ ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107 u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-

[1] ĠU L 162, 18.6.1986, p 33.
[2] ĠU L 315, 30.11.2017 , p. 1.

Regolament (UE) 2016/1627[3], li jinsab barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2107.

Il-proposta tikkonforma mal-Parti VI (politika esterna) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013[4] dwar il-politika komuni tas-sajd, li tipprevedi li l-Unjoni twettaq is-sajd estern tagħha f'konformità mal-obbligi internazzjonali u l-objettivi ta' politika tagħha. Dan jinkludi appoġġ attiv u kontribut għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jindirizzaw is-sajd, inklużi organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd ("RFMOs") u inkluż permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jindirizzaw is-sajd, inklużi l-RFMOs, sabiex tissaħħaħ il-konformità.

Il-proposta tikkomplementa r-Regolament (UE) 2017/2403[5] dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jipprevedi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jkunu soġġetti għal awtorizzazzjonijiet speċjali tas-sajd tal-RFMOs. Il-proposta tikkomplementa wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[6] dwar is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat billi tipprevedi l-inklużjoni tal-lista tas-sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Irregolat (IUU) tal-ICCAT fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni.

Din il-proposta ma tkoprix l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE li jiġu deċiżi kull sena mill-ICCAT. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), hija l-prerogattiva tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, id-dazji, l-għajnuna u l-limiti kwantitattivi kif ukoll dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, hekk kif tistipula d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE). Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta se tiżgura li jintlaħqu l-obbligi tal-ICCAT tal-UE, mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[3] Il-proposta għadha ma ġietx adottata mill-koleġiżlaturi – COM (2019) 619 Final tat-28.11.2019.
[4] ĠU L 354; 28.12.2013, p.22.
[5] ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.
[6] ĠU L 286, 29.10.2008, p.1.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux rilevanti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-esperti nazzjonali u r-rappreżentanti tal-industrija tal-Istati Membri tal-UE ġew ikkonsultati kemm fil-perjodu ta' qabel il-laqgħat annwali tal-ICCAT li matulhom ġew adottati r-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq, kif ukoll waqt in-negozjati tal-ICCAT.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta timplimenta fid-dritt tal-Unjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li ġew adottati f'konformità mal-kumitati permanenti tal-ICCAT dwar il-parir xjentifiku u ta' kontroll.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux rilevanti. Din il-proposta timplimenta fid-dritt tal-Unjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li huma vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta ma hijiex marbuta mal-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni (REFIT).

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandhiex impatt fuq il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tinkludi numru ta' dispożizzjonijiet li jkopru r-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, inklużi dawn li ġejjin: (i) id-definizzjonijiet tal-bastimenti ta' appoġġ u tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut, is-sett tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut ("FAD"), l-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma, u l-bagi operazzjonali skont ir-Rakkomandazzjoni 19-02 tal-ICCAT; (ii) għal-limitazzjonijiet fil-kapaċità tat-tonn tropikali, u l-projbizzjoni tal-qbid skartat mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jeħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni skont ir-Rakkomandazzjoni 17-01 tal-ICCAT; (iii) dispożizzjonijiet ġodda għall-iskjerament tal-FAD u għall-kopertura tal-osservaturi skont ir-Rakkomandazzjoni 19-02 tal-ICCAT; (iv)

dispożizzjonijiet dwar l-Alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar skont ir-Rakkomandazzjonijiet 16-06 u 16-07 tal-ICCAT, inklużi d-dispożizzjonijiet tar-riport, kif ukoll ir-riport għall-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar skont ir-Rakkomandazzjonijiet 17-02 u 17-03 tal-ICCAT; (v) dispożizzjonijiet għall-ġbir tad-*data* għall-pixxispad, il-kastardella u l-marlin skont ir-Rakkomandazzjonijiet 16-11, 18-05, 19-05 tal-ICCAT; u (vi) id-dispożizzjonijiet tar-riport tat-tonn obeż skont ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT.

Għall-klieb il-baħar, il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet aġġornati dwar il-pixxitondu u dwar il-ġbir ta' *data* dwar il-klieb il-baħar skont ir-Rakkomandazzjonijiet 19-06, 19-07 u 19-08 tal-ICCAT. Barra minn hekk, skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT (16-14, 16-15, 18-10, 19-10), il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tat-trażmissjoni tad-*data* għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-Reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti tal-ġarr, kif ukoll id-dmirijiet tal-Istati Membri dwar il-ġarr taħt il-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT, inkluża l-kopertura minima tal-osservaturi.

Ir-Rakkomandazzjoni 19-02 tal-ICCAT dwar ir-responsabbiltajiet għall-osservaturi xjentifiċi teħtieġ aġġornament għar-Regolament (UE) 2017/2107, inkluża l-kopertura tal-osservaturi. Il-proposta tinkludi wkoll dmirijiet dwar l-ilmiħ ta' bastimenti skont ir-Rakkomandazzjoni 19-09 tal-ICCAT, u ismijiet ta' speċijiet ġodda koperti mill-ICCAT sabiex jiġi emendat l-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2107 skont ir-Rakkomandazzjoni 19-01 tal-ICCAT.

Barra minn hekk, il-proposta tipproponi li jiġi emendat ir-Regolament dwar il-Pjan pluriennali għat-Tonn bid-dikjarazzjoni tal-Istati Membri dwar ir-riport annwali u ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, skont ir-Rakkomandazzjoni 06-07 tal-ICCAT, kif ukoll ir-riport annwali tat-tonn obeż skont ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT.

Il-proposta tipproponi wkoll li tiġi emendata s-setgħa tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) 2017/2107 wara l-bidliet sussegwenti adottati mill-ICCAT rigward: (i) il-limitazzjonijiet fil-kapaċità tat-tonn tropikali u r-rapportar tal-pjan annwali tiegħu tal-kapaċità tas-sajd; (ii) ir-riport tal-kwota annwali għat-tonn obeż, l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku u l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku; (iii) pjanijiet ta' ġestjoni fir-rigward tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut; (iv) l-għadd ta' bagi strumentali; (v) ir-rekwiżiti tal-FAD; (vi) l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata dwar l-FADs mill-bastimenti; (vii) il-projbizzjoni tal-perjodi tal-FAD; (viii) ir-restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti li jistadu għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana; (ix) il-pjan ta' ġestjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana; (x) il-kondizzjonijiet biex jiġu awtorizzati l-qbid u ż-żamma tal-pixxitondi; (xi) ir-rekwiżiti biex tiġi massimizzata s-sopravivenza tal-fkieren tal-baħar; (xii) perċentwal minimu tal-kopertura tal-osservaturi u l-perċentwal tal-kejl tal-kopertura; u (xiii) il-lista tal-ispeċijiet tal-ICCAT.

2022/0111 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) .../2022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], fil-laqgħat annwali tagħha tal-2017, l-2018, l-2019 u l-2021 il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat numru ta' miżuri legalment vinkolanti għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha. Barra minn hekk, l-UE għadha ma implimentatx miżuri legalment vinkolanti adottati fil-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2006 dwar l-attivitajiet ta' trobbija tat-Tonna.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/2107 jiġi emendat sabiex jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri tal-ICCAT għat-tonn tropikali, l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-pixxivela, il-marlin blu u abjad, ir-rapportar ta' *data* dwar il-kastardella, il-pixxitondu, kif ukoll programm ta' osservazzjoni, responsabbiltajiet għall-osservaturi xjentifiċi, u lista aġġornata ta' speċijiet tal-ICCAT.

(3) Ir-Regolament (UE) XX/2022[3] jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri dwar id-dikjarazzjoni annwali tar-riport mill-Istat Membru ta' Trobbija u dwar ċerti obbligi relatati mat-tqegħid fil-gaġeġ.

---

[1] ĠU C […], […], p. […].

[2] Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

[3] Il-proposta għadha ma ġietx adottata mill-koleġiżlaturi – COM (2019) 619 Final tat-28.11.2019.

(4) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT x'aktarx li jiġu emendati fil-laqgħat annwali tal-ICCAT li ġejjin minħabba l-introduzzjoni ta' miżuri tekniċi u ta' ġestjoni ġodda għas-sajd irregolat skont il-Konvenzjoni ICCAT. Għalhekk, sabiex l-emendi futuri għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jiġu implimentati malajr fid-dritt tal-Unjoni qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aspetti li ġejjin: il-limitazzjonijiet tal-kapaċità tat-tonn tropikali u r-rapportar tal-pjan annwali tal-kapaċità tas-sajd tiegħu; ir-riport annwali għat-tonn obeż, l-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar u l-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar; il-pjanijiet ta' ġestjoni fir-rigward tal-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs); l-għadd ta' bagi strumentali; ir-rekwiżiti tal-FAD; l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata għall-FADs mill-bastimenti; il-projbizzjoni tal-perjodi tal-FAD; ir-restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti li jistadu għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana; il-pjan ta' ġestjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana; il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-qbid u ż-żamma tal-pixxitondu; ir-rekwiżiti biex tiġi massimizzata s-sopravivenza tal-fkieren tal-baħar; il-perċentwal minimu tal-kopertura tal-osservaturi u l-perċentwal tal-kejl tal-kopertura; u li temenda l-lista tal-ispeċijiet tal-ICCAT.

(5) In-numru ta' bastimenti ta' appoġġ li joperaw sabiex jappoġġaw lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jenħtieġ li ma jiżdiedx mill-ammonti rreġistrati f'Ġunju tal-2020 kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT. Din l-applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

(6) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2017/2107 u XX/2022 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

***Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2107***

Ir-Regolament (UE) 2017/2107 huwa emendat b'dan kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

a) tiżdied is-sentenza li ġejja fil-punt (20):

", u l-użu, is-servizzjar u l-irkupru ta' rkaptu sabiex jinġema' l-ħut."

b) il-punt (24) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(24) "irkaptu biex jinġema' l-ħut" (FAD) tfisser oġġett, struttura jew apparat permanenti, semipermanenti jew temporanju ta' kwalunkwe materjal, magħmul mill-bniedem jew naturali, li jintuża u/jew jiġi ttraċċat sabiex jinġema' l-ħut ħalli mbagħad jinqabad. Il-FADs jistgħu jkunu jew ankrati (aFADs) jew inkella mitluqa (dFADs);"

c) jiżdied il-punt (30):

"(30) "sett tal-FAD" tfisser it-tqegħid ta' rkaptu tas-sajd assoċjat ma' FAD madwar qatgħa tonn;"

d) jiżdied il-punt (31):

"(31) "Oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma" (FOB) tfisser kwalunkwe oġġett naturali jew artifiċjali li jżomm f'wiċċ l-ilma (fil-wiċċ jew taħt il-wiċċ) mingħajr l-ebda kapaċità li jiċċaqlaq waħdu;"

e) jiżdied il-punt (32):

"(32) "Baga operazzjonali" tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u rilaxxata fil-baħar, li tittrażmetti l-pożizzjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda;"

f) jiżdied il-punt (33):

"(33) "Kastardella" tfisser speċijiet tal-familja *Istiophoridae* ġestiti mill-ICCAT."

(2) L-Artikolu 5a jiżdied kif ġej:

"*Artikolu 5a*

***Limitazzjoni tal-kapaċità għat-tonn tropikali***

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipproduċu pjan annwali għall-kapaċità/għas-sajd.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta tas-sajd bil-konz u bit-tartarun tal-borża tagħhom tiġi ġestita f'konformità mal-pjanijiet annwali għall-kapaċità/għas-sajd, b'mod partikolari sabiex jiġi limitat il-qbid tat-tonn tropikali, b'mod konsistenti mal-limiti fuq il-qbid stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri ma għandhomx iżidu n-numru tagħhom ta' bastimenti ta' appoġġ li joperaw sabiex jappoġġaw lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża lil hinn min-numri rreġistrati f'Ġunju tal-2020.

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dati meta jkun intuża l-limitu kollu tagħhom fuq il-qbid ta' speċijiet tat-tonn tropikali. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni minnufih lis-Segretarjat tal-ICCAT.

5. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti kbar tas-sajd bil-konz (LOA 20 m jew akbar), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-qabdiet tat-tonn tropikali kull xahar lill-Kummissjoni, u dawn jiżdiedu għal kull ġimgħa meta jkunu nqabdu 80 % tal-limiti tagħhom fuq il-qbid."

(3) L-Artikolu 6a jiżdied kif ġej:

"*Artikolu 6a*

***Projbizzjoni fuq l-iskartar ta' tonn tropikali maqbud minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża***

1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali għandhom iżommu abbord, jiżbarkaw jew jittrażbordaw lejn il-port it-tonn tropikali kollu li jinqabad, għajr fil-każijiet deskritti fil-paragrafu 3.

2. L-ebda tonn tropikali li jinqabad minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni ma jista' jintrema matul is-settjatura, ladarba x-xibka tkun magħluqa kompletament u meta jkun ġie rkuprat aktar minn nofs ix-xibka. Jekk ikun hemm problema teknika bil-proċedura tal-għeluq jew tal-irkupru tax-xibka b'tali mod li din

ir-regola ma tkunx tista' tiġi applikata, l-ekwipaġġ għandu jagħmel kull sforz sabiex jeħles it-tonn fl-ilma malajr kemm jista' jkun.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tonn tropikali jista' jiġi skartat fil-każijiet li ġejjin:

a) meta l-kaptan tal-bastiment jiddetermina li t-tonn tropikali maqbud ikun imħabbel jew mgħaffeġ fix-xibka tat-tartarun tal-borża; jew tkun saritlu l-ħsara minħabba d-depredazzjoni, jew ikun miet u ddekompona fix-xibka minħabba ħsara fl-irkaptu li ma jkunx ippermetta l-attivitajiet normali tal-irkupru tax-xibka, tas-sajd u tar-rilaxx tal-ħut ħaj;

b) meta l-kaptan tal-bastiment jiddetermina li t-tonn tropikali jkun inqabad matul l-aħħar sett ta' vjaġġ u ma jkunx hemm biżżejjed kapaċità ta' ħżin sabiex jinħażen it-tonn li jinqabad matul dan is-sett. Dan il-ħut jista' jiġi skartat biss jekk ikun possibbli li t-tonn jinħeles ħaj u diment li ma titwettaq l-ebda operazzjoni oħra tas-sajd, sakemm it-tonn abbord il-bastiment jiġi żbarkat jew ittrażbordat.

4. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jirrapporta l-iskartar kollu osservat lill-Istati Membri tal-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jibagħtu r-rapporti dwar l-iskartar lill-Kummissjoni bħala parti mid-*data* tal-Kompiti I u II."

(4) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Bastimenti tas-sajd fuq skala kbira li ma jkunux imniżżla fir-reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati sabiex jaqbdu t-tonn tropikali, inklużi bastimenti ta' appoġġ, ma għandhomx jitħallew jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew jiżbarkaw it-tonn tropikali miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT jew joffru kull tip ta' appoġġ għal dawk l-attivitajiet, inkluż l-użu u l-irkupru ta' FADs u/jew ta' bagi. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet."

b) jiżdied il-paragrafu 3:

"3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament jistgħu jitħallew iżommu qabdiet aċċessorji ta' tonn tropikali f'konformità ma' limitu massimu fuq il-qabdiet aċċessorji abbord stabbilit għal dawn il-bastimenti. Bħala parti mir-rapport annwali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-limitu massimu ta' qbid aċċessorju permess għall-bastimenti tagħhom u informazzjoni dwar kif jiżguraw il-konformità mal-limitu."

(5) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-lista ta' bastimenti awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu stadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT jew li jkunu offrew kull tip ta' appoġġ għall-attività tas-sajd (bastimenti ta' appoġġ) fis-sena kalendarja preċedenti. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, din il-lista għandha tinkludi wkoll il-bastimenti ta' appoġġ li appoġġaw l-attività tas-sajd, irrispettivament mill-bandiera tagħhom. Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-ICCAT bil-listi li tkun irċeviet mingħand l-Istati Membri."

(6) L-Artikolu 8a jiżdied kif ġej:

*"Artikolu 8a*

***L-età eċċessivament żgħira u kbira tat-tonn obeż***

1. Skont il-każ, kwalunkwe porzjon mhux użat jew eċċess ta' kwota/limitu fuq il-qbid annwali ta' Stat Membru jista' jiżdied ma'/għandu jitnaqqas mil-limitu rispettiv fuq il-kwota/qbid matul jew qabel is-sena ta' aġġustament skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ għat-tonn obeż.

2. L-età eċċessivament żgħira massima li Stat Membru jista' jirriporta fi kwalunkwe sena partikolari ma tistax taqbeż l-ammont permess fis-sena partikolari mill-ICCAT."

(7) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi kwalunkwe ħin ma jkunux attivi aktar minn 300 FAD għal kull bastiment b'bagi operazzjonali."

b) jiżdied il-paragrafu 5:

"5. In-numru ta' FADs b'bagi operazzjonali se jiġi vverifikat permezz tal-verifika tal-kontijiet tat-telekomunikazzjoni. Dawn il-verifiki għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru."

c) jiżdied il-paragrafu 6:

"6. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħhom sabiex jużaw oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma diment li l-bastiment tas-sajd ikollu jew osservatur jew inkella sistema elettronika ta' monitoraġġ li tiffunzjona abbord li tkun kapaċi tivverifika t-tip ta' sett, il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, u tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-sajd lill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika."

(8) L-Artikolu 10(2) u (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta jużaw jew jiddisinjaw il-FADs, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:

a) li l-FADs kollha użati ma jkunux jitħabblu, f'konformità mal-linji gwida skont l-Anness 5 tar-Rakkomandazzjoni 19-02;

b) li l-FADs kollha jkunu mibnija minn materjali bijodegradabbli, inklużi dawk mhux tal-plastik, għajr materjali użati fil-kostruzzjoni ta' bagi għat-traċċar tal-FAD;

3. Fuq bażi annwali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-passi meħuda sabiex jikkonformaw mal-paragrafu 2 fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-FADs tagħhom."

(9) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

a) il-punt 2(e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) deskrizzjoni tal-log jew identifikatur tal-FAD (jiġifieri l-Marka tal-FAD u l-ID tal-baga jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sid);"

b) jiżdied il-punt 2(g):

"(g) l-ID tal-baga."

c) il-punt 3(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-identifikatur tal-FAD (jiġifieri, l-Marka tal-FAD u l-ID tal-baga)."

d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom iżommu lista tal-FADs użati, li tiġi aġġornata kull xahar u għal kull 1°x1° rettangolu statistiku, li tkun tinkludi mill-anqas l-informazzjoni stipulata fl-Anness III."

(10) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) in-numru u t-tip ta' sinjali markaturi/bagi (eż. radju, sonar biss, sonar b'ekosonda) użati kull xahar għal kull 1°x1° rettangolu statistiku;"

b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) in-numri medji ta' sinjali markaturi/bagi attivati u diżattivati kull xahar li jkunu ġew segwiti minn kull bastiment;"

c) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) in-numri medji ta' FADs mitlufa b'bagi attivi kull xahar;"

d) jiżdiedu l-punti (f) u (g):

"(f) il-qabdiet bit-tartarun tal-borża u bid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka, l-isforz u n-numru ta' settijiet (għat-tartaruni tal-borża) skont il-mezz ta' sajd (ġlib assoċjat ma' oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma u ġlib ħieles) f'konformità mar-rekwiżiti tad-*data* tal-Kompitu II (jiġifieri għal kull 1°x1° rettangolu statistiku u għal kull xahar);

(g) meta l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jitwettqu flimkien mad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka, jirrapportaw il-qabdiet u l-isforz tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża assoċjati mad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka f'konformità mar-rekwiżiti tad-*data* tal-Kompitu I u tad-*data* tal-Kompitu II."

(11) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

***Kopertura tal-osservaturi u projbizzjoni tal-użu tal-FAD b'rabta mal-protezzjoni tal-frieħ.***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tagħhom ma jużawx FADs mitluqa matul perjodu ta' 15-il jum qabel il-bidu tal-perjodi ta' għeluq stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu għat-tonn tropikali għandhom:

a) għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tagħhom b'tul totali ta' 20 metru jew aktar, jiżguraw kopertura minima mill-osservaturi ta' 10 % tal-isforz tas-sajd sal-2022, u dan permezz tal-preżenza ta' osservatur uman abbord f'konformità mal-Anness IV u/jew permezz ta' sistema ta' monitoraġġ elettronika;

b) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħhom, jiżguraw kopertura mill-osservaturi ta' 100 % tal-isforz tas-sajd, u dan permezz tal-preżenza ta'

osservatur abbord f'konformità mal-Anness IV jew permezz ta' sistema ta' monitoraġġ elettronika approvata;

c) sat-30 ta' April, jirrapportaw l-informazzjoni miġbura mill-osservaturi jew mis-sistema ta' monitoraġġ elettronika mis-sena ta' qabel lis-Segretarjat tal-ICCAT u lill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika, bit-teħid akkont tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità."

(12) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 16*

***Identifikazzjoni tas-sajd IUU***

"Jekk is-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà li bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jkunu kisru l-Artikolu 7(2) jew l-Artikolu 14(1) jew l-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha tgħarraf minnufih lill-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu jinvestiga s-sitwazzjoni minnufih u, jekk il-bastiment ikun qiegħed jistad b'assoċjazzjoni ma' oġġetti li jistgħu jaffettwaw l-aggregazzjoni tal-ħut, inklużi l-FADs, matul il-perjodu ta' għeluq għandu jitlob lill-bastiment sabiex jieqaf jistad u, jekk ikun meħtieġ, jitlaq minn dik iż-żona mingħajr dewmien. L-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jirrapporta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu u l-miżuri korrispondenti li jkunu ttieħdu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat kostali u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT."

(13) It-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU II

**Alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku**"

(14) Jiżdied l-Artikolu 17a:

*"Artikolu 17a*

***Awtorizzazzjonijiet speċifiċi għal bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jistadu għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku***

1. F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403,[4] l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lil bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jtajru l-bandiera tagħhom sabiex jistadu għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT.

2. Bastimenti tas-sajd fuq skala kbira li ma jkunux imniżżla fir-reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati li jistadu għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku ma għandhomx jitħallew jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew jiżbarkaw l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma humiex awtorizzati jistadu għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, skont il-paragrafu 1, jistgħu jitħallew iżommu qabdiet aċċessorji ta' alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

[4] Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

f'konformità ma' limitu massimu fuq il-qabdiet aċċessorji abbord għal dawn il-bastimenti. Bħala parti mir-rapport annwali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-limitu massimu fuq il-qbid aċċessorju li jippermettu għall-bastimenti tagħhom."

(15) Jiżdied l-Artikolu 17b:

*"Artikolu 17b*

***Età eċċessivament żgħira jew kbira tal-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku***

1. Skont il-każ, kwalunkwe porzjon mhux użat jew eċċess ta' kwota/limitu fuq il-qbid annwali ta' Stat Membru jista' jiżdied ma'/għandu jitnaqqas mil-limitu rispettiv fuq il-kwota/qbid matul jew qabel is-sena ta' aġġustament skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku.

2. L-età eċċessivament żgħira massima li Stat Membru jista' jirriporta fi kwalunkwe sena partikolari ma għandhiex taqbeż l-ammont permess fis-sena partikolari mill-ICCAT."

(16) Jiżdied l-Artikolu 17c:

*"Artikolu 17c*

***Reġistru tal-qabdiet tal-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku***

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jaqbdu l-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għandhom jirrapportaw il-qabda akkurata u vvalidata tagħhom tal-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku lis-Segretarjat tal-ICCAT bħala parti mid-*data* tal-Kompitu I u mid-*data* tal-Kompitu II imsemmija fl-Artikolu 50."

(17) Jiżdied l-Artikolu 18a:

*"Artikolu 18a*

***Awtorizzazzjonijiet speċifiċi għal bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jistadu l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku***

1. F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403, l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lil bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jtajru l-bandiera tagħhom sabiex jistadu għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT.

2. Bastimenti tas-sajd fuq skala kbira li ma jkunux imniżżla fir-reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati li jistadu għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku ma għandhomx jitħallew jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew jiżbarkaw il-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux awtorizzati jistadu għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku skont il-paragrafu 1, jistgħu jitħallew iżommu qabdiet aċċessorji ta' pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-

Atlantiku f'konformità ma' limitu massimu fuq il-qabdiet aċċessorji abbord għal dawn il-bastimenti. Bħala parti mir-rapport annwali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-limitu massimu fuq il-qbid aċċessorju li jippermettu għall-bastimenti tagħhom."

(18) Jiżdied l-Artikolu 18b:

*"Artikolu 18b*

***Qbid ta' pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku b'età eċċessivament żgħira***

1. Kwalunkwe porzjon mhux użat ta' kwota/limitu fuq il-qbid annwali ta' Stat Membru jista' jiżdied mal-limitu rispettiv fuq il-kwota/qbid matul jew qabel is-sena ta' aġġustament skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku.

2. L-età eċċessivament żgħira massima ta' pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku li Stat Membru jista' jirriporta fi kwalunkwe sena partikolari ma għandhiex taqbeż l-ammont permess fis-sena partikolari mill-ICCAT."

(19) It-titolu tal-Kapitolu IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU IV

**Pixxivela, marlin blu, marlin abjad u pastardella imperjali**"

(20) L-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 27a*

***Il-ħelsien tal-marlin blu, tal-marlin abjad u tal-pastardella imperjali li jinqabad ħaj***

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta tiġi eżawrita 80 % tal-kwota tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jeħilsu l-marlin blu (*Makaira nigricans*), il-marlin abjad (*Tetrapturus albidus*) u l-pastardella imperjali (*Tetrapturus georgei*) kollu li jkun ħaj sa ħin it-tlugħ abbord.

2. Il-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi u l-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni għandhom jeħilsu minnufih il-marlin blu u l-marlin abjad/il-pastardella imperjali li jkunu ħajjin mar-ritorn, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ, u dan b'mod li jikkawża l-anqas ħsara u li jimmassimizza s-sopravivenza wara l-ħelsien.

3. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-implimentazzjoni tal-istandards minimi għall-proċeduri ta' manipulazzjoni sikura u ta' rilaxx ħaj speċifikati fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-05 billi jipproduċu linji gwida għall-flotta tagħhom. Fuq il-gverta tagħhom u b'mod faċilment aċċessibbli għall-ekwipaġġ, il-bastimenti tas-sajd għandu jkollhom disponibbli apparat tal-irfigħ, taljatur tal-bolts, żganċatur/sbokkatur u taljalenez għar-rilaxx sikur tal-marlin ħaj li jinqabad.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kaptan u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat, ikunu konxji minn u jużaw tekniki xierqa ta' mitigazzjoni, ta' identifikazzjoni, ta' manipulazzjoni u ta' rilaxx, u jżommu abbord it-tagħmir kollu meħtieġ għar-rilaxx tal-marlin f'konformità

mal-istandards minimi għal proċeduri ta' trattament sikur kif speċifikat fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-05, billi jipproduċu linji gwida għall-flotta tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jimminimizzaw il-mortalità ta' wara r-rilaxx tal-marlin/tal-pastardella imperjali fis-sajd tagħhom skont l-ICCAT.

6. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiċi u lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħhom sabiex jistadu u jżommu abbord, jittrażbordaw jew jiżbarkaw il-marlin blu u l-marlin abjad/il-pastardella imperjali li jkunu mejtin, fi ħdan il-limitu tagħhom fuq l-iżbark."

(21) Fl-Artikolu 29, jiżdied il-paragrafu 5:

"5. Fis-sajd rikreattiv, kwalunkwe ħut li jinħeles għandu jinħeles b'mod li jikkawża l-anqas ħsara."

(22) Jiddaħħal l-Artikolu 29bis:

*"Artikolu 29bis*

***Ġbir ta' data għall-pixxivela***

L-Istati Membri għandhom jiġbru *data* dwar il-qabdiet ta' pixxivela, inkluż l-iskartar tal-ħut ħaj u mejjet, u għandhom jirrapportaw din id-*data* kull sena bħala parti mis-sottomissjoni tad-*data* tal-Kompiti I u II tagħhom, sabiex jappoġġaw il-proċess ta' valutazzjoni tal-istokk."

(23) Jiddaħħal l-Artikolu 29ter:

*"Artikolu 29ter*

***Ġbir u rapportar ta' data***

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw programmi ta' ġbir ta' *data* li jiżguraw ir-rapportar ta' *data* akkurata dwar il-qbid, l-isforz, id-daqs u l-iskartar tal-kastardella lill-ICCAT, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-ICCAT għas-sottomissjoni tad-*data* tal-Kompitu I u tal-Kompitu II.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-listi ta' kontroll tagħhom għall-implimentazzjoni tal-kastardella skont l-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 18-05, inkluża informazzjoni dwar l-azzjonijiet li jkunu ħadu fl-ambitu domestiku sabiex jimmonitorjaw il-qabdiet u sabiex jikkonservaw u jġestixxu l-kastardella.

3. In-nuqqas ta' rapportar tad-*data* tal-Kompitu I, inkluż il-qbid skartat mejjet, għall-marlin blu u l-marlin abjad/il-pastardella imperjali f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet 01-16 u 11-15 tal-ICCAT se jirriżulta f'projbizzjoni taż-żamma ta' dawn l-ispeċijiet."

(24) L-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 33*

***Pixxitondu (Isurus oxyrinchus)***

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jeħilsu minnufih il-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku b'mod li jikkawża l-anqas ħsara, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bastimenti tagħhom sabiex jistadu u jżommu abbord, jittrażbordaw jew jiżbarkaw il-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku, diment li:

(i) il-pixxitondu jkun mejjet meta jinġieb ma' ġenb il-bastiment sabiex jittella' abbord;

(ii) iż-żamma tal-pixxitondu ma taqbiżx l-iżbark medju tal-pixxitondu tal-bastiment tas-sajd waqt li osservatur ikun abbord, u dan jiġi vverifikat mill-ġurnali ta' abbord obbligatorji u minn spezzjoni tal-iżbark imwettqa abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju.

3. Barra minn hekk, għal bastimenti li t-tul tagħhom ikun aktar minn 12-il m, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bastimenti tagħhom sabiex jistadu u jżommu abbord, jittrażbordaw jew jiżbarkaw il-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku biss jekk, minbarra l-kondizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2:

a) il-bastiment ikollu jew osservatur jew inkella sistema ta' monitoraġġ elettronika li tiffunzjona abbord li tkun tista' tidentifika jekk il-ħut ikunx mejjet jew ħaj;

b) l-osservatur jiġbor *data* dwar in-numru ta' individwi gganċjati, it-tul tal-ġisem, is-sess, il-kondizzjoni, il-maturità (jekk il-ħuta individwali tkunx tqila u d-daqs tal-frieħ tagħha) u l-piż tal-prodotti għal kull pixxitondu li jinqabad, kif ukoll l-isforz tas-sajd; u

c) meta l-pixxitondu ma jinżammx, in-numru ta' ħut skartat mejjet u ta' rilaxxi ħajjin għandu jiġi rreġistrat mill-osservatur jew stmat mir-reġistri tas-sistema ta' monitoraġġ elettroniku.

4. L-osservatur huwa mħeġġeġ ukoll jiġbor kampjuni bijoloġiċi bħat-tessuti muskolari (għall-identifikazzjoni tal-istokk), l-organu riproduttiv bl-embrijun (għall-identifikazzjoni taċ-ċiklu tat-tqala u tal-kapaċità riproduttiva) u l-vertebri (għall-istima tal-kurva tat-tkabbir). Il-kampjuni bijoloġiċi miġbura mill-osservatur jenħtieġ li jiġu analizzati mill-Istati Membri kkonċernati u r-riżultat jenħtieġ li jiġi sottomess lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika mill-Kummissjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll lill-Kummissjoni n-numru ta' qabdiet skartati mejtin u ta' rilaxxi ħajjin tal-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku, stmat abbażi tal-isforz totali tas-sajd tal-flotot rilevanti tagħhom bl-użu ta' *data* miġbura permezz ta' programmi ta' osservazzjoni jew ta' programmi rilevanti oħra ta' ġbir ta' *data*. L-Istati Membri li ma jawtorizzawx lill-bastimenti tagħhom jistadu u jżommu abbord, jittrażbordaw jew jiżbarkaw il-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 għandhom jirreġistraw ukoll, permezz tal-programmi ta' osservazzjoni tagħhom, in-numru ta' qabdiet skartati mejtin u ta' rilaxxi ħajjin tal-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dan lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika.

(25) Jiżdied l-Artikolu 36bis:

*"Artikolu 36bis*

***Ġbir ta' data għall-klieb il-baħar***

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw programmi ta' ġbir ta' *data* li jiżguraw ir-rapportar ta' *data* akkurata dwar il-qbid, l-isforz, id-daqs u l-iskartar tal-klieb il-baħar lill-ICCAT, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti għall-forniment tad-*data* tal-Kompitu I u tad-*data* tal-Kompitu II.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-lista ta' kontroll tagħhom għall-implimentazzjoni tal-klieb il-baħar skont l-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 18-06, inkluża informazzjoni dwar l-azzjonijiet li jkunu ħadu fl-ambitu domestiku sabiex jimmonitorjaw il-qabdiet u sabiex jikkonservaw u jġestixxu l-klieb il-baħar."

(26) Jiżdied l-Artikolu 44bis il-ġdid:

*"Artikolu 44bis*

***Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti***

"Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009[5], kull Stat Membru jiżgura li l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkun operazzjonali b'mod permanenti u kontinwu, u li l-informazzjoni tinġabar u tiġi trażmessa mill-anqas darba fis-siegħa għat-tartarun tal-borża."

(27) L-Artikolu 54 jiġi emendat kif ġej, l-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. In-notifika msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tirrifletti l-format u t-tqassim stabbilit mis-Segretarjat Eżekuttiv tal-ICCAT u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

– isem il-bastiment, in-numru fir-reġistru
– in-Numru ta' Reġistrazzjoni tal-ICCAT (jekk ikun hemm)
– in-numru IMO
– l-isem preċedenti (jekk ikun hemm)
– il-bandiera preċedenti (jekk ikun hemm)
– id-dettalji preċedenti tat-tħassir minn reġistri oħra (jekk ikun hemm)
– is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju
– it-tip ta' bastimenti, it-tul, it-tunnellaġġ gross irreġistrat (GRT) u l-kapaċità tat-trasport
– l-isem u l-indirizz tas-sid(ien) u tal-operatur(i)
– it-tip ta' trażbord awtorizzat (jiġifieri, fil-port u/jew fuq il-baħar)
– il-perjodu ta' żmien awtorizzat għat-trażbord."

(28) Jiżdied l-Artikolu 58bis il-ġdid:

*"Artikolu 58bis*

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

*Is-saħħa u s-sikurezza tal-osservaturi fil-programmi ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tiegħu li jkollhom osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord ikunu mgħammra b'tagħmir ta' sikurezza xieraq għal kull vjaġġ fl-intier tiegħu, inkluż dan li ġej:

a) ċattra tas-salvataġġ ta' kapaċità suffiċjenti għall-persuni kollha abbord u b'ċertifikat ta' spezzjoni li jkun validu tul il-preżenza tal-osservatur;

b) biżżejjed ġkieket tas-salvataġġ jew ilbies ta' sopravivenza għall-persuni kollha abbord, u f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti; u

c) Sinjal Markatur ta' Emerġenza bir-Radju Li Jindika l-Pożizzjoni (EPIRB) irreġistrat kif xieraq u Transponder tat-Tiftix u s-Salvataġġ (SART) li ma jiskadix qabel tmiem il-preżenza tal-osservatur.

2. Il-bastimenti tal-Istati Membri li jkollhom osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw Pjan ta' Azzjoni ta' Emerġenza (EAP) li għandu jiġi segwit f'każ li osservatur imut, jiġi nieqes jew ikun preżunt li waqa' l-baħar, li jkun qed ibati minn mard jew korriment serji li jheddu lil saħħtu, is-sikurezza jew il-benesseri tiegħu, jew jekk ikun ġie attakkat, intimidat, mhedded jew ingħata fastidju. Dawn l-EAPs iridu jinkludu, fost l-oħrajn, l-elementi fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-10.

3. Il-bastimenti tal-Istati Membri li jkollhom osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord għandhom jissottomettu l-EAPs lill-Kummissjoni sabiex jittellgħu fuq is-sit web tal-ICCAT. L-EAPs ġodda jew emendati għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sabiex jittellgħu meta jsiru disponibbli.

4. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli sabiex ikollhom osservatur minn programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT abbord biss jekk ikunu ppreżentaw EAP. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tidentifika xi inkonsistenzi mal-istandards stipulati fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-10 abbażi tal-informazzjoni fl-EAP, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-preżenza ta' osservatur fuq bastiment tal-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat għandha tiġi posposta sakemm l-inkonsistenza tkun ġiet indirizzata b'mod suffiċjenti."

(29) L-Artikolu 61 għandu jiġi emendat kif ġej:

a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) kopertura ta' mill-anqas 5 % mill-osservaturi tal-isforz tas-sajd f'kull wieħed mit-tipi ta' sajd bil-konz pelaġiku, bit-tartarun tal-borża, bid-dgħajsa tas-sajd bil-lixka, bin-nases, bl-għażel u bix-xbieki tat-tkarkir."

b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-perċentwal tal-kopertura se jitkejjel:

a) għas-sajd bit-tartarun tal-borża, f'numru ta' settijiet jew vjaġġi;

b) għas-sajd bil-konz pelaġiku, f'jiem ta' sajd, numru ta' settijiet, jew vjaġġi;

c) għad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u bin-nases, f'jiem ta' sajd;

d) għas-sajd bl-għażel, f'sigħat jew jiem ta' sajd; u

e) għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir, f'numru ta' tagħbijiet jew jiem ta' sajd."

(30) L-Artikolu 63 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 63*

***Responsabbiltajiet tal-osservaturi xjentifiċi***

1. Fost affarijiet oħra, kull Stat Membru għandu jeħtieġ li l-osservaturi:

(a) jirreġistraw l-attività tas-sajd tal-bastiment osservat u jirrapportaw dwarha, b'mod li mill-anqas għandu jinkludi dawn li ġejjin:

(i) ġbir ta' *data*, li jinkludi l-kwantifikazzjoni tal-qbid, l-iskartar u l-qbid aċċessorju tal-ispeċijiet fil-mira (inklużi l-klieb il-baħar, il-fkieren tal-baħar, il-mammiferi tal-baħar u l-għasafar tal-baħar), stimar jew kejl tal-kompożizzjoni tad-daqs fejn dan ikun jista' jsir, l-istat tad-dispożizzjoni (jiġifieri miżmum, skartat mejjet, meħlus ħaj), il-ġbir ta' kampjuni bijoloġiċi għall-istudji tal-istorja tal-ħajja (eż. il-gonadi, l-otoliti, il-vertebri u l-qxur);

(ii) jiġbru l-marki tal-ħut kollha li jsibu u jirrapportaw dwarhom;

(iii) informazzjoni dwar l-operazzjoni tas-sajd, inkluż il-post tal-qabda skont il-latitudni u l-lonġitudni; informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd (eż. in-numru ta' settijiet, in-numru ta' snanar, eċċ.); id-data ta' kull operazzjoni tas-sajd, inklużi, fejn ikun xieraq, il-ħinijiet tal-bidu u tat-tmiem tal-attività tas-sajd; l-użu ta' rkaptu sabiex jinġema' l-ħut, fosthom il-FADs; u l-kondizzjoni ġenerali tal-annimali meħlusa b'rabta mar-rati ta' sopravivenza (jiġifieri ħajjin/mejtin, midrubin, eċċ.).

(b) josservaw u jirreġistraw l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali u informazzjoni rilevanti oħra;

(c) sa fejn ikun possibbli, josservaw u jirrapportaw dwar il-kondizzjonijiet ambjentali (eż. l-istat tal-baħar, il-klima u parametri idroloġiċi, eċċ.);

(d) josservaw il-FADs u jirrapportaw dwarhom, f'konformità mal-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT adottat skont il-programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali; u

(e) iwettqu kwalunkwe kompitu xjentifiku ieħor kif irrakkomandat mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika u miftiehem mill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-osservaturi:

(a) ma jbagħbsux it-tagħmir elettroniku tal-bastiment;

(b) ikunu familjari mal-proċeduri ta' emerġenza abbord il-bastiment, inkluż il-post fejn jinsabu ċ-ċattri tas-salvataġġ, l-apparat tat-tifi tan-nar u l-kaxxi għall-ewwel għajnuna;

(c) jikkomunikaw skont il-bżonn mal-Kaptan dwar kwistjonijiet u kompiti rilevanti għall-osservatur;

(d) ma jfixklux jew jindaħlu fl-attivitajiet tas-sajd u fl-operat normali tal-bastiment;

(e) jipparteċipaw f'sessjoni(jiet) ta' debriefing mar-rappreżentanti xierqa tal-istitut xjentifiku jew tal-awtorità domestika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' osservazzjoni;

3. Il-Kaptani tal-bastimenti li lilhom jiġi assenjat l-osservatur għandhom:

(a) jippermettu aċċess xieraq għall-bastiment u għall-operazzjonijiet tiegħu;

(b) jippermettu lill-osservatur iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu b'mod effettiv, inkluż billi:

(i) jipprovdu aċċess xieraq għall-irkaptu, id-dokumenti (inklużi l-ġurnali ta' abbord elettroniċi u fiżiċi) u l-qabdiet tal-bastiment;

(ii) jikkomunikaw fi kwalunkwe ħin mar-rappreżentanti xierqa tal-istitut xjentifiku jew tal-awtorità domestika;

(iii) jiżguraw aċċess xieraq għat-tagħmir elettroniku u għal tagħmir ieħor rilevanti għas-sajd, inkluż iżda mhux limitat għal:

– Tagħmir ta' navigazzjoni bis-satellita;

– Mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi.

(iv) jiżgura li l-ebda persuna li tkun abbord il-bastiment li jkun qed jiġi osservat ma timmanipula jew teqred xi apparat jew xi dokument tal-osservaturi; li ma timpedixxix lill-osservaturi jew tindaħal jew tagħmel xi ħaġa oħra bla bżonn biex iżżommhom milli jwettqu dmirijiethom.

(c) jipprovdi akkomodazzjoni lill-osservaturi, inkluż l-irmiġġ, l-ikel u faċilitajiet sanitarji u mediċi adegwati, ugwali għal dawk tal-uffiċjali;

(d) jagħtu biżżejjed spazju lill-osservatur fuq il-pont tan-navigazzjoni jew fil-kamra tat-tmunier sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, kif ukoll spazju fuq il-gverta li jkun xieraq sabiex iwettaq il-kompiti ta' osservatur;

4. Kull Stat Membru għandu:

(a) meta l-bastimenti tiegħu jkunu qegħdin jistadu għall-ispeċijiet tal-ICCAT, jeħtieġu li dawn ikollhom osservatur xjentifiku abbord f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament;

(b) jissorvelja s-sikurezza tal-osservaturi tiegħu;

(c) fejn ikun fattibbli u xieraq, iħeġġeġ lill-istitut xjentifiku jew lill-awtorità domestika tiegħu sabiex jidħlu fi ftehimiet mal-istituti xjentifiċi jew l-awtoritajiet domestiċi ta' Stati Membri jew CPCs oħra sabiex jiskambjaw ir-rapporti u d-*data* tal-osservaturi bejniethom;

(d) jipprovdi, fir-rapport annwali tiegħu sabiex jintuża mill-Kummissjoni u mill-Kumitat Permanenti għar-Riċerka u l-Istatistika, informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT, li għandha tinkludi:

(i) dettalji dwar l-istruttura u d-disinn tal-programmi ta' osservazzjoni xjentifika tagħhom, inklużi, fost l-oħrajn:

– il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi skont it-tip ta' sajd u rkaptu, kif ukoll kif dan se jitkejjel;

– id-*data* li trid tinġabar;

– il-protokolli fis-seħħ għall-ġbir tad-*data* u għall-manipulazzjoni;

– informazzjoni dwar kif jintgħażlu l-bastimenti li jkunu se jiġu koperti sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi tal-Istati Membri;

– ir-rekwiżiti għat-taħriġ tal-osservaturi; u

– ir-rekwiżiti għall-kwalifiki tal-osservaturi;

(ii) in-numru ta' bastimenti mmonitorjati, il-livell ta' kopertura miksub skont it-tip ta' sajd u rkaptu, u d-dettalji dwar kif ġew ikkalkolati dawk il-livelli ta' kopertura;

(e) wara s-sottomissjoni inizjali tal-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (d)(i), jirrapporta l-bidliet fl-istruttura u/jew id-disinn tal-programmi tal-osservaturi tiegħu fir-rapport annwali tiegħu meta jseħħu dawn il-bidliet biss. L-Istati Membri għandhom jibqgħu jirrapportaw, kull sena, l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (d)(ii) lill-Kummissjoni.

(f) kull sena, permezz tal-formati elettroniċi ddeżinjati li jiġu żviluppati mill-Kumitat Permanenti għar-Riċerka u l-Istatistika, jirrapporta lill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika l-informazzjoni miġbura permezz tal-programmi ta' osservazzjoni domestiċi sabiex din tintuża mill-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-istokkijiet u għal skopijiet xjentifiċi oħra, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti għal rekwiżiti oħra għar-rapportar tad-*data* u b'konsistenza mar-rekwiżiti domestiċi ta' kunfidenzjalità.

(g) jiżgura l-implimentazzjoni ta' protokolli robusti għall-ġbir ta' *data* mill-osservaturi tiegħu meta jkunu qegħdin iwettqu l-kompiti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1, inkluż l-użu ta' fotografija meta jkun meħtieġ u xieraq."

(31) Fl-Artikolu 66, jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5:

"4. Kull Stat Membru għandu jispezzjona, kull sena, mill-anqas 5 % tal-operazzjonijiet ta' żbark u ta' trażbord imwettqa minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fil-portijiet deżinjati tagħhom.

5. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jikkunsidraw u jaġixxu fuq rapporti ta' ksur minn spetturi ta' Stat tal-port fuq bażi simili għar-rapporti mill-ispetturi tagħhom stess, f'konformità mal-liġijiet domestiċi tagħhom."

(32) Jiżdied l-Artikolu 66bis:

*"Artikolu 66bis*

***Ilmiħ ta' bastimenti***

1. Permezz ta' operazzjonijiet ta' spezzjoni u sorveljanza mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, l-Istati Membri għandhom jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni, bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz jew bastiment mingħajr nazzjonalità jintlemaħ jistad jew b'xi mod involut f'attivitajiet relatati mas-sajd (eż. trażbord) u jkun preżunt li jkun involut f'sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Irregolat (IUU).

2. L-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-ilmiħ ta' bastimenti f'konformità mal-iskeda ta' informazzjoni dwar l-ilmiħ stipulata fl-anness tar-Rakkomandazzjoni 19-09 tal-ICCAT.

3. Meta jintlemaħ bastiment skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru li jilmħu għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jinnotifika u jipprovdi kwalunkwe immaġni

rreġistrata tal-bastiment lill-awtoritajiet xierqa tal-Istat Membru tal-bandiera jew CPC jew tal-bandiera mhux CPC tal-bastiment li jkun intlemaħ, u:

a) jekk il-bastiment li jkun intlemaħ ikollu bandiera ta' Stat Membru, l-Istat Membru tal-bandiera għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-bastiment inkwistjoni. Kemm l-Istat Membru li jilmħu kif ukoll l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment li jintlemaħ għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ilmiħ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), inklużi dettalji dwar kull azzjoni ta' segwitu li tittieħed;

b) jekk il-bastiment li jkun intlemaħ ikollu bandiera ta' CPC ieħor, ta' mhux CPC, ikollu bandiera indeterminata, jew ikun mingħajr nazzjonalità, l-Istat Membru li jilmħu għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-EFCA l-informazzjoni xierqa kollha relatata mal-ilmiħ. Kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-informazzjoni dwar l-ilmiħ lis-Segretarjat tal-ICCAT.

(33) Fl-Artikolu 71(1), id-data "l-20 ta' Awwissu" hija sostitwita b'"l-1 ta' Awwissu".

(34) L-Artikolu 73 huwa emendat kif ġej:

(a), fil-punt (a) "Anness I" jiddaħħal minflok ir-referenza għall-Anness II,

(b) se jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(j) il-limitazzjonijiet tal-kapaċità għat-tonn tropikali skont l-Artikolu 5a relatati mar-rapportar annwali tal-pjan ta' kapaċità tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 2, kif ukoll numru ta' bastimenti ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 3;

(k) il-pjanijiet ta' ġestjoni fir-rigward tal-FADs skont l-Artikolu 9 dwar in-numru ta' bagi strumentali msemmija fil-paragrafu 4;

(l) ir-rekwiżiti għall-FADs skont l-Artikolu 10(1);

(m) l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa dwar l-użu tal-FAD mill-bastimenti skont l-Artikolu 11(1), l-informazzjoni u l-informazzjoni dwar ir-rapportar imsemmija fil-paragrafu 2, u l-ġbir u r-rapportar għat-telf tal-FAD imsemmija fil-paragrafu 3;

(n) il-perjodi għall-projbizzjoni tal-użu tal-FAD skont l-Artikolu 14(1), u l-kopertura minima tal-osservaturi skont l-Artikolu 14(2);

(o) ir-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' bastimenti li jistadu għall-alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku skont l-Artikolu 17;

(p) ir-riport annwali skont l-Artikolu 8a għat-tonn obeż;

(q) ir-riport annwali skont l-Artikolu 17b tal-alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku u tal-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku;

(r) ir-riport annwali skont l-Artikolu 18b tal-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku;

(s) il-pjan ta' ġestjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku skont l-Artikolu 18;

(t) il-kondizzjonijiet sabiex jiġu awtorizzati l-qabdiet u ż-żamma tal-pixxitondu skont l-Artikolu 33(2);

(u) ir-rekwiżiti sabiex tiġi mmassimizzata s-sopravivenza tal-fkieren tal-baħar skont l-Artikolu 41;

(v) il-perċentwal minimu tal-kopertura tal-osservaturi skont l-Artikolu 61(1)(a) u l-kejl tal-perċentwal tal-kopertura skont l-Artikolu 61(2).”

(35) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2107 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

***Emendi għar-Regolament (UE) ../2022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627***

Ir-Regolament (UE) XXX/2022 b'dan huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 7, il-punti (a) u (b) li ġejjin jiddaħħlu fil-paragrafu (…):

“a) l-Istati Membri ta' trobbija għandhom jimlew u jittrażmettu dikjarazzjoni ta' riport annwali lill-Kummissjoni kull sena sal-25 ta' Mejju.

Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi:

– il-kwantitajiet (espressi f'kg) u n-numru ta' ħut intenzjonati għar-riport,
– is-sena tal-qbid,
– il-piż medju,
– is-CPC tal-bandiera,
– ir-referenzi tal-BCD li jikkorrispondu għall-qbid riportat,
– l-isem u n-numru tal-ICCAT tal-post ta' trobbija,
– in-numru tal-gaġġa, u
– l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet meħuda għall-qatla (espressi f'kg), wara li timtela.

b) il-kwantitajiet riportati f'konformità mal-paragrafu hawn fuq għandhom jitqiegħdu f'gaġeġ jew f'sensiela ta' gaġeġ separati fil-post ta' trobbija abbażi tas-sena meta jkunu nqabdu.”

(2) Fl-Artikolu 46, il-punti (a) u (b) li ġejjin jiddaħħlu fil-paragrafu (…):

“a) L-Istati Membri ma għandhomx iqiegħdu t-tonn f'post ta' trobbija li ma jkunx awtorizzat mill-Istat Membru jew mis-CPC, jew inkella li ma jkunx elenkat fir-reġistru tal-ICCAT ta' faċilitajiet tat-trobbija.

b) L-Istati Membri ta' trobbija għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn jitqiegħdu f'gaġeġ jew f'sensiela ta' gaġeġ separati u mqassmin abbażi tal-Istat Membru jew is-CPC ta' oriġini. B'deroga, jekk it-tonn jinqabad fil-kuntest ta' operazzjoni konġunta tas-sajd (JFO) bejn Stati Membri differenti, l-Istati Membri ta' trobbija għandhom jiżguraw li t-tonn jitqiegħed f'gaġeġ jew

f'sensiela ta' gaġeġ separati u mqassmin abbażi tal-operazzjonijiet konġunti tas-sajd."

*Artikolu 3*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |